

# Programm
## tal-Festi Solenni li jsiru fil-Parroċċa tal-Imqabba f'ġieħ
# SANTA MARIJA
## Patruna tar-Raħal

**mit-30 ta' Lulju sat-22 ta' Awissu 1980**

# "ST. PETER"

## Ironmongery & Household Goods

by

**JOSEPH FARRUGIA**

NEW STREET OFF TAS-SEJBA ROAD, MQABBA

TEL: 821485

**PHONE 45195**

# *Manuel Scerri*

**UNDERTAKER**

ST. RITA HOUSE, MANNARINU ROAD,

B'KARA.

AT MODERATE PRICES

# *LINDA STORE*

MONS. P. P. SAYDON STREET,

ZURRIEQ.

Prop: Paul Cardona Tel: 827215

**Issibu dak kollu li tiġu bżonn fid-dar. Kollox bi prezz moderat u servizz mill-aħjar.**

- **Tnaqqis Speċjali għall-Ħlas fil-Pront**
- **Ħlas bin-Nifs Aċċettat Ukoll**

# Jikteb il-Kappillan . . .

*Għeżież ħuti Mqabbin,*

*Il-Festa reġgħet waslet. X'uħud jgħidu, 'Waslet, x'gost!' u oħrajn, 'Għajma dahri. Waslet.' B'danakollu, it-tbissima ma tonqos minn fuq fomm ħadd. U minn kmieni, il-polz tal-parroċċa jibda jżid fir-ritmu, fl-attività u l-entużjażmu. X'qed jiġri?.........*

*Ir-Raġel qed jirranġa l-faċċata tad-dar — tibjida u xebgħa Zebgħa lill-bibien u t-twieqi ta' barra.*

*Il-Mara mehdija tħejt purtieri ġodda. Alla jħares tinsa tikxef is-sufani ma' l-ewwel Tridu!*

*It-Tfajliet jaħsbu ferm aktar qabel...... żewġ ilbiesi, ta' lejlietha u ta' narha, par sandli u handbag pariġġ. Il-'hairstyle' inħalluh għall-aħħar.*

*Il-Ġuvintur aktar moħħhom frisk...... u bir-raġun...... il-festa tirrendi lit-fajliet aktar aċċessibbli.*

*S'hawn kollox sew. Li tirranġa ftit persuntek u darek għall-festa tal-Parroċċa, hija ħaġa sabieħa.*

*Però kemm minna jifhmu l-veru sens tal-Festa? Taħsbu li Marija tinsab ferħana b'dak li tara u tisma'? Ta' min hi l-Festa?...... ta' Marija jew tal-ambizzjoni u l-egoiżmu tiegħi? Irrispondi din...... IL-BIDLA FID-DEHRA TA' DAREK U F'PERSUNTEK TIRRIFLETTI L-BIDLA JEW TIĠDID TA' RUHEK FL-GHAQDA TIEGHEK MAGHHA U MA' BINHA ĠESU'?, JEW LE?*

*Jekk b'festa tifhem biss tiżjin, xorb, logħob, u pjaċiri oħra, ifisser li għadek ma tafx x'inhi FESTA NISRANIJA. Festa ma tfissirx twarrab lil Alla, taħrab mir-realtà, u ttiha għall-'Life' biex tinsa l-inkwiet tal-ħajja.*

*Qabel tmur tixtri l-libsa tad-drapp għall-Festa, qabel kull ħaġa oħra, ersaq f'riġlejn Marija u itlobha tlibbsek il-LIBSA TAS-SAFA — EJJA QERR u għidilha, 'Inwegħdek, għażiża Madonna, li ma nonqosx li niġi għall-funzjonijiet. Irrid ingawdi l-Festa Tiegħek sewwa, magħqud Miegħek u ma' Ġesù fis-safa u l-paċi ta' qalbi. Dan hu l-kwalità ta' Festa li tixtieq INT, hux veru?'*

*Minn qalbi, għażiż qarrej, nawguralek Festa mill-isbaħ skond il-Qalb ta' Marija Assunta, Patruna tagħna.*

Dun Willie Vella
Kappillan

# FESTI TA' ĠOL-KNISJA

*L-Erbgħa 30 ta' Lulju — Ftuħ tal-Kwindiċina*

6.30 p.m. Quddiesa kantata solenni, Ċelebrazzjoni biblika, Antifona u Ċelebrazzjoni Ewkaristika.

*It-Tnejn 11 ta' Awisu — L-Ewwel Jum tat-Tridu*

6.30 p.m. Quddiesa kantata mill-W.R. Arċipriet Dun Anton Vella bl-omelija 'Marija mtellgħa s-sema bir-ruħ u bil-ġisem'.

7.15 p.m. Ċelebrazzjoni biblika, Innu, Salve, Litanija, Antifona u Ċelebrazzjoni Ewkaristika.

8.15 p.m. Isir il-ħruġ tal-Istatwa ta' Santa Marija. Kant Ave Maris Stella u Antifona.

*It-Tlieta 12 ta' Awissu — It-Tieni Jum tat-Tridu*

7.00 a.m. Quddiesa kantata solenni.

6.30 p.m. Quddiesa kantata mill-W.R. Dun Michael Agius bl-omelija 'Marija, Sultana tas-Sema u tal-Ara'.

7.15 p.m. Bħal jum ta' qabel.

*L-Erbgħa 13 ta' Awissu — It-Tielet Jum tat-Tridu*

7.00 p.m. Quddiesa kantata solenni.

6.30 p.m. Quddiesa kantata speċjali għall-Morda u x-Xjuħ mill-W.R. Arċipriet Dun Joe Bugeja bl-omelija 'Marija, Saħħa tal-Morda'. Fl-istess quddiesa jiġi amministrat is-Sagrament tad-Dilka tal-Morda.

7.45 p.m. Bħal jum ta' qabel.

*Il-Ħamis 14 ta' Awissu — Lejlet il-Festa*

8.00 p.m. Quddiesa kantata solenni mill-Kappillan tal-Parroċċa, il-W.R. Dun Willie Vella. Kant tat-Te Deum, Innu u Antifona.

6.30 p.m. Traslazzjoni solenni tar-Relikwija mmexxija mill-W.R. Mons. Pantaleone Orland.

Quddiesa solenni mill-W.R. Dun Carmelo Bianco, Salve, Litanija u Ċelebrazzjoni Ewkaristika.

*Il-Ġimgħa 15 ta' Awissu — Jum il-Festa*

5.30 a.m. u 7.00 a.m. Quddies.

8.00 a.m. Kant solenni tal-Lawdi.

9.00 a.m. Konċelebrazzjoni Solenni u Pontifikal mmexxija mill-W.R. Mons. Pantaleone Orland li jinseġ ukoll il-Paniġirku.

10.30 a.m., 11.30 a.m., 12.30 p.m. Quddies.

6.00 p.m. Secondi Vespri Solenni mill-W.R. Mons Pantaleone, Salve u Litanija.

7.30 p.m. Proċessjoni bl-istatwa artistika tal-Patruna tal-Parroċċa mmexxija mill-istess Monsinjur.

10.00 p.m. Antifona u Ċelebrazzjoni Ewkaristika.

N.B.: (1) Il-Hamis, lejlet il-festa, filgħodu u filgħaxija, jkun hawn Konfessuri barranin għall-Qrar.

N.B.: (2) Il-mużika tat-Tridu, lejlet u nhar il-festa, tkun taħt it-tmexxija tas-Surmast il-W.R. Patri Salv Galea O.P., L.R.S.M.

*Il-Ġimgħa 22 ta' Awissu — L-Ottava tal-Festa*

7.00 p.m. Quddiesa kantata solenni, Reposizzjoni tar-Relikwija, 'Te Deum' u Ċelebrazzjoni Ewkaristika.

LILL-MADONNA...........

Madonna ħarisni
Madonna salvani
Biex Miegħtk għal dejjem
Fil-Ġenna tarani.

---

# Għaliex Inqimu lil Marija?

L-Omm twassalna għand l-ben u l-Iben jirrivelalna l-Glorja tal-Missier. F'dawk il-postijiet fejn l-Omm m'għadhiex meqjuma, lanqas l-Iben m'għadu rrispettat. Aktar ma jonqos id-dawl tad-devozzjoni lejn Marija, iżjed tersaq biex tintefa l-adorazzjoni ta' l-Iben. Il-Maġi sabu lit-Tarbija, iżda ma sabuhx waħdu..... Marija kienet hemm.

Hadd ma jsib lit-Tarbija mingħajr l-Omm għaliex l-Omm ma tistax tifridha mill-Iben, mhux biss skond in-natura, iżda aktar u aktar għall-funzjoni li għandhom.

Gwaj għall-id sagrilega li tipprova taħtaf lit-Tarbija minn dirgħajn Ommha. Ma jirnexxilux...... l-Omm taħrab...... u TIEHU MAGHHA LIL BINHA.

(Pastor Protestant — Lortzing ta' Cootingen)

# Innu lil Marija Assunta

(rit.) Hallina ntennulek, Marija
Din l-ganja il ssawret mas-
snin,
Irridu nghallmuha 'l uliedna
Biex biha jsellmulek kull ħin!

Int għextha ġo qalbek
Il-ħajja tal-Fidwa,
U qalbek intgħasret
F'demm Ibnek Mislub,

Għalhekk qomt sabiħa
Rebbieħa bħal Ibnek
Mir-raqda tal-qabar,
Mill-mewt u mid-dnub.

(rit.) Hallina ntennulek......

Miksija bid-dija
Li żżernaq fil-ġenna,
Għannejja tas-Sliem,
Imdawwra mill-anġli
Għannejja tas-Sliem,

Titwieżen fuq sħaba,
Bħas-silġ bajdanija,
Int tlajt ġewwa d-difa
Tas-sema bla tmiem.

(rit.) Haallina ntennulek......

Id-dinja bik tifraħ,
Tissieħeb ma' l-anġli,
Biex tqiegħed fuq rasek
Kuruna ta' ġieħ,

U lilek issellem,
Omm Alla Sultana
Mogħnija bis-setgħa
Ta' Drieghu rebbieħ.

(rit.) Haallina ntennulek......

**Joseph M. Ghigo, S.J.**
**Valletta.**


# BAGAT

**IL-MAGNA TAL-HJATA**

**Mingħand**

**Zarb Stores**

New Street u Valletta Road, Luqa

**Tel: 29806**

# Rendikont –

# Festa ta' Santa Marija – 1980

**Dħul**

| | |
|---|---|
| Bilanċ tas-sena l-oħra | £M1. 64, 9 |
| Ġbir bl-envelopes u offerti oħra | 497. 95, 0 |
| Ġbir mix-Xebbiet | 25. 37, 5 |
| Kontribuzzjonijiet għall-elettriku mill-K.G.V. | 28. 10, 9 |
| Dħul Totali | 553. 08, 3 |

**Ħruġ**

| | |
|---|---|
| Orkestra | £M178. 25, 0 |
| Personnel barrani | 57. 75, 0 |
| Stampar ta' programmi | 30. 00, 0 |
| Funzjonijiet — Kwindiċina u Festa | 8. 00, 0 |
| Fjuri u xorb | 5. 10, 0 |
| Organista | 10. 00, 0 |
| Armar fil-Knisja | 25. 00, 0 |
| Daqq tal-Qniepen | 18. 00, 0 |
| Dawl: Faċċata tal-Knisja, kanpnar u koppja | 162 00. 0 |
| Konsum tal-elettriku | 20. 00, 0 |
| Ħruġ Totali | £M514. 10, 0 |

| | |
|---|---|
| Dħul | 553. 08, 3 |
| Ħruġ | 514. 10, 0 |
| Bilanċ għal din is-sena | £M38. 98, 3 |

# Kelmtejn mill-President

*Santa Marija reġgħet magħna. Ftit tal-ġranet oħra u niċċelebraw kif jixraq it-Tlugħ ta' Marija fis-Sema.*

*Mat-tiżjin fil-knisja u fit-toroq, u xi ħoss ta' Banda nibdew nimtlew bl-entużjażmu u ferħ li jkomplu jiżdiedu fina sal-eqqel tal-Festa — 15 t'Awissu.*

*Tajjeb tkunu tafu li sabiex inkunu nistgħu niċċelebraw kif jixraq il-festa, saru preparamenti kbar matul is-sena kollha sabiex barra milli nsegwu sewwa s-servizzi fil-knisja nesprimu l-ferħ tagħna esternament. Id-dilettanti tan-nar, b'sagrifiċċju kbir, qattgħu ħafna ħin jippreparaw xogħol li jżid il-ferħ tagħna. Partitarji lestew xi pavaljuni ġodda, oħrajn lestew xi xogħol ta' żebgħa fuq l-armar u fil-każin, oħrajn ħasbu għall-ġbir tal-flus. Però l-ikbar sodisfazzjon tagħna din is-sena hu li wara ħafna taħbit ser ikollna madwar għaxar bandisti ġodda biex itella n-numru sabiħ għal tmintax u dan bit-tama li jiżdiedu....*

*Dawn il-preparazzjonijiet saru sabiex nifirħu u nferrħu. F'dawn il-ġranet tal-Festa nilqgħu fir-raħal tagħna ħafna nies barranin u rridu li dawn jaraw l-isem tas-Soċjetà tagħna u tal-Imqabba miżmum fil-għoli billi ma nagħmlu xejn u ma nħallu xejn itellef il-ferħ u l-għaqda.*

*Kull partitarju mistenni jagħti sehmu bħas-soltu. Hadd m'għandu joqgħod lura milli jgħin finanzjarjament u jagħti daqqa t'id fl-armar jew fejn ikun hemm bżonn.*

*Nixtieq kieku nirringrazzja lil kull min ta sehmu fil-preparamenti, iżda m'hix faċli li nsemmihom kollha* **għax barra** *li huma ħafna nibża' li nħalli lil xi ħadd barra. Għalhekk f'ismi u f'isem sħabi tal-Kumitat, li ħadmu kemm felħu miegħi, minn qalbi nirringrazzja lil kull min ta sehmu.*


**The White Cross Dispensary**

ST BASIL STREET, MQABBA

*Stockist of:*

**Patents, Cosmetics and all Baby Foods**

**and requisities**

# FESTI TA' BARRA

*L-Erbgħa 30 ta' Lulju — Ftuħ tal-Kwindiċina*

8.00 p.m. Mixgħela tal-faċċata tal-Knisja u tal-Każin King George V.

It-Tnejn 11 t'Awissu — L-Ewwel Tridu u Ħruġ tal-Istatwa

8.15 p.m. Wara l-ħruġ tal-Istatwa ta' Santa Marija fil-knisja, l-Banda Duke of Cannaught ta' B'Kara tagħmel marċ mat-toroq tar-raħal. Mixgħela ġenerali.

*It-Tlieta 12 t'Awissu — It-Tieni Jum tat-Tridu*

8.15 p.m. Marċi mat-toroq tar-raħal mill-Banda Beland taż-Żejtun.

*L-Erbgħa 13 t'Awissu — It-Tielet Jum tat-Tridu*

8.15 p.m. Il-Banda King George V tagħmel marċi brijużi mar-raħal.

10.30 p.m. Ħruq ta' logħob tan-nar.

*Il-Ħamis 14 t'Awissu — Lejlet il-Festa*

8.15 p.m. Il-Baned QUEEN VICTORIA taż-Żurrieq u SAN NIKOLA tas-Siġġiewi jferrħu t-toroq tal-Imqabba b'marċi brijużi.

9.30 p.m. Ħruq ta' murtali tal-kulur u beraq pront.

10.30 p.m. Ħruq ta' logħob tan-nar artistiku.

*Il-Ġimgħa 15 t'Awissu — Jum il-Festa*

6.00 p.m. Il-Baned QUEEN VICTORIA U SAN NIKOLA jdoqqu marċi u jagħmlu programm fil-Pjazza tal-Knisja.

7.30 p.m. Mixgħela ġenerali. Waqt il-ħruġ tal-proċessjoni titkanta l-AVE MARIS STELLA. Meta l-Istatwa tasal ħdejn il-Każin KGV, il-Banda QUEEN VICTORIA ddoqq Innu lil Marija Assunta, kitba ta' Patri J.M. Ghigo S.J. u mużika tas-Surmast Kav. George Martin A.Mus., LCM. Ikantaw it-Tenur Joe Huber u l-Baritonu Joe Fenech mal-kor tax-xebbiet.

Waqt il-proċessjoni jsir sparar tal-musketterija ħruq ta' kaxxi nfernali, beraq pront u murtali tal-kulur.

N.B. *Il-logħob tan-nar, il-kaxxi nfernali, tal-beraq u kulur huma kollha xogħol tad-Dilettanti tas-Soċjetà Santa Marija.*

# Insellmu lill-Bandisti Ġodda . . . . .

Għal dawn l-aħħar sentejn, b'entużjażmu u kuraġġ li jgħaġġeb is-Sur Leonard Farrugia, u s-Sur Vince Sciberras, Assistent Surmast u delegat tal-Banda rispettivament, taħt it-tmexxija għaqlija tal-maħbub Surmast tagħna, Chev. George Martin A. MUS, L.C.M. tħabtu kemm felħu sabiex din is-sena jirregalaw għaxar bandisti ġodda, imħarrġa sewwa, lill-Banda tagħna. Is-Soċjetà tapprezza ħafna x-xogħol li sar u j'Alla żgħażagħ oħrajn jitħajru jitgħallmu strument tal-Banda, għax barra milli hija xi ħaġa kulturali, tgħin ħafna sabiex il-Festa tkun tista' tibqa tikber u tisbieħ.



*Left to Right bil-wieqfa:*
*Piju Gauci (Baxx), Peter Psaila (Althorn), John Galea (Althorn), Philip Grech (Klarinett), Anthony Camilleri (Sax Tenor).*
*Bil-qiegħda left to right:*
*Raymond Camilleri (Klarinett), Saviour Sciberras (Klarinett), Chev. George Martin A.M.U.S. LCM Surmast, Sur Leonard Farrugia Assistent Surmast, Michael Abdilla (Klarinett), Mario Farrugia (Klarinett).*
*Quddiem: Mario Sciberras (Kwartin).*




FARELL BATHROOM CENTRE
Electrical & Plumbing
Triq is-Sajjieda, Zurrieq. Telephone: 822396

**KRISTIANNE PHARMACY**

Stockists:

**PHARMACEUTICALS, PERFUMES,**

**COSMETICS, BABY PRODUCTS, ETC.**

N/S OFF ST. INNOCENT STREET,

MQABBA.




*For*

*Car & Bus Hire*

**ST. JOSEPH GARAGE**

 Tel. **826496**

**(Proprietor)**

# EUGENIO SCIBERRAS & SONS

**45 & 62, Valletta Road,**

**Mqabba.**